MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2382/2002

**Citadel Insurance p.l.c kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Hilda J. Boulton sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Hilda J. Boulton**
**vs**

**Alexander Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm549.55) rapprezentanti danni u spejjes inkorsi mill-atturi in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Dicembru 2001 gewwa Triq Hompesch, Haz-Zabbar, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazz\joni DBY 430 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HJB 020 misjuqa mill-attrici Hilda J. Boulton, liema incident gara unikament tort tal-imperizja,

traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u dan prevja d-dikjarazzjoni li ghal-incident kien jahti unikament l-intimat.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Mejju 2002 u bl-imghaxijiet min-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-incident stradali relattiv gara unikament bi htija tal-persuna assikurata mas-socjeta’ attrici u ghalhekk it-talba odjerna ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Edmonf Zammit Laferla, ta’ PS 161 Tony Cachia, tal-attrici Hilda Jane Boulton, Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Dicembru 2001 fi Triq Hompesch, Haz-Zabbar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HJB 202 misjuqa mill-attrici Hilda Boulton u x-xarabank bin-numru tar-registrazzjoni DBY 430 misjuq mill-konvenut.

L-attrici xehdet li fid-data tal-incident kienet qed issuq fi Triq Hompesch sejra fid-direzzjoni tal-Fgura, kien hemm ix-xarabank misjuqa mill-konvenut warajha fuq il-lane ta’ barra, hi bdiet tara mill-mera li s-sewwieq tax-xarabank kien qed jissikaha biex jipprova jissorpassaha u meta waslet f’parti tat-triq li tidjieq hasset daqqa fuq il-genb ta’ wara tan-naha tal-lemin tal-vettura taghha. Il-konvenut min-naha l-ohra jsostni li huwa kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu f’din it-triq li skond hu fiha biss karreggjata wahda fid-direzzjoni li kien miexi fiha hu, meta f’daqqa wahda l-attrci pruvat tissorpasssah min-naha ta’ gewwa.

Illi t-Tribuna huwa rinfaccjat b’zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehh l-incident, l-attrici ssostni li l-konvenut prova jissorpassaha u rassha filwaqt li l-konvenut jirribatti li kienet l-attrici li pruvat tissorpassah min-naha ta’ gewwa. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni tal-attrici hja ferm aktar kredibbli u hija korroborata mill-hsara

riportata fiz-zewg vetturi. L-hsara fil-vettura tal-attrici hija fil-genb tal-lemin ta' wara filwaqt li fi-xxarabank il-hsara kienet fil-ponta ta' quddiem tax-xellug. Dan jindika li effettivament kien il-konvenut li rass il-vettura tal-attrici meta prova jissorpassaha minn fuq il-karreggjata ta' barra u mhux vice versa.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.

Illi l-quantun tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi prezentaw l-ircevuti relattivi, liema ricevuti jindikaw li d-danni reklamati huma perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo.

Ghal dawn il-motivi t-Tribvunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm549.55), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------